# GĦALL-PROFESSJONI TA' SORU

WARRAB MINNI JA DINJA FIERGĦA
GĦAX QABLEK ĦABBNI IEĦOR
LI ĠMIELU JGĦAXXAQ IX-XEMX U L-QAMAR
U L-GĦANA TIEGĦU MA JITQIES MA' XEJN.
DAK LI QABEL IŻ-ŻMIEN TNISSEL MINN MISSIER BLA OMM
U FIŻ-ŻMIEN TWIELED MINN OMM BLA MISSIER
ĦATARNI B'GĦARUSA TIEGĦU
U JIEN WEĠIBT GĦAS-SEJĦA TIEGĦU
GĦAX LILU JIEN DEJJEM ĦABBEJT FITTIXT U XTAQT.
MINN FOMMU NIEĦU L-GĦASEL U L-ĦALIB
U BID-DEMM TIEGĦU JIŻŻEJNU ĦADDEJJA BIL-WARDIET.
MITT GĦAD-DINJA U SIBT IL-ĦAJJA
MHUX JIEN INGĦIX IMMA FIJA KRISTU LI HU L-ĦAJJA.

**Dun Pawl.**